**213. L-Onor. Wenzu Mintoff jipproponi:**

"Illi dan il-Parlament igħaddi mill-istadji kollha u jagħmel liġi l-abbozz hawn anness."

07.03.1990

ABBOZZ TA' LIĠI
msejjaħ

ATT biex ikompli jemenda l-Kostituzzjon ta' Malta

IL-PRESIDENT, bill-parir u bil-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, mlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ bl-liġi dan li ġej:

Titolu fil-qosor

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1990 li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta u għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Kostituzzjoni ta' Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni".

Emenda ta' l-Artiklu 45 tal-Kostituzzjoni

2. Minflok is-subartiklu (3) ta' l-Artiklu 45 tal-Kostituzzjoni għandu jidħol is-subartiklu ġdid li ġej:

(3) F'dan l-Artiklu, il-kelma "diskriminatorju" tfisser għoti ta' trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skond ir-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi jew sess li minħabba fihom persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn ikun suġġett għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuna ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn".

---

Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' l-Abbozz huwa li tiġi emendata l-Kostituzzjoni ta' Malta sabiex iċ-ċittadini jiġu protetti minn diskriminazzjoni minħabba s-sess tagħhom.

7/2/90

A BILL
entitled

AN ACT further to amend the Constitution of Malta

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Represesentatives, in this present Parliament assembled, by the authority of the same, as follows:-

Short title

1. This Act may be cited as the Constitution of Malta (Amendment) Act, 1990, and shall be read and construed as one with the Constitution of Malta, hereinafter referred to as "the Constitution".

Amendment of Section 45 of the Constitution

2. For subsection (3) of Section 45 of the Constitution there shall be substituted the following subsection:

"(3) In this Section the expression "discriminatory" means affording different treatment for different persons attributable wholly or mainly to their respective descriptions by race, place of origin, political opinions, colour or sex whereby persons of one such description are subjected to disabilities or restrictions to which persons of another such description are not made subject or are accorded privileges or advantages which are not accorded to persons of another such description".

---

## Objects and Reasons

The object of the Bill is to amend the Constitution of Malta so that citizens would also be afforded protection from discrimination on grounds of sex.

7/3/90.